---

8 ta' Novembru, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Nobbli Maġġur Henry E. Sant Cassia

**Rekwiżizzjoni — Tiswija tal-Ħsara tal-Post Rekwiżizzjonat.**

*Fil-każ li tkun meħtieġa t-tiswija ta' fond għax ikun perikoluż għan-nies li jaqgħdu fih, imma li jkun rekwiżizzjonat, il-prinċipju dwar min hu obbligat jagħmel l-ispejjeż tat-tiswija, hu illi, jekk l-istat kontravvenzjonali qed jinħoloq minħabba xi użu speċjali u straordinarju li jkun qed isir mill-post bħala konsegwenza tar-rekwiżizzjoni, jista' jkun li, eċċezzjonalment, l-obbligu tat-tiswija tal-fond jaqa' fuq l-awtorità rekwiżizzjonanti; imma meta l-użu hu ordinarju u normali, bħal ma hu l-użu tal-fond għall-abitazzjoni, u ma jkunx hemm ċirkustanzi oħra eċċezzjonali, allura sid il-post ma jistax jeħles mill-obbligu tiegħu li jsewwi l-post minħabba l-fatt tar-rekwiżizzjoni.*

*Fil-każ preżenti kienet dar li kellha travu li kien qed jimminaċċja rovina. Sidha kien qed iħalliha battala, għax barra l-ħsara ta' dak it-travu, id-dar kellha difetti radikali għax kienet mibnija fuq pedamenti mhux sodi, u huwa ma riedx jieħu r-responsabilità li idaħħal nies fiha. B'dan kollu l-Housing Commissioner irrekwiżiz-*

*zjonaha u daħħal in-nies fiha; u mbagħad ippretenda li s-sid kellu jsewwi dak it-travu. Ġie deċiż illi fiċ-ċirkustanzi l-persuna obligata ssewwi dak it-travu kienet l-awtorità rekwiżizzjonanti.*

Dan hu appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fis-27 ta' Awissu 1948, li biha l-imputat instab ħati talli naqas li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa fit-travu li hemm fid-dar tiegħu nò. 126BB, Triq San Pawl, f'San Pawl il-Baħar, liema travu qed jimminaċċja perikolu, u dan non ostanti n-notifika ta' avviż skond il-liġi; u ġie kundannat għall-piena tar-riprensjoni u ammonizzjoni, u ġie lilu mogħti xahrejn żmien biex jikkonforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum għal kull ġurnata li jonqos;

Trattat l-appell ta' l-imputat din il-Qorti kkunsidrat;

Fuq dawn il-fatti li sejrin jinstemgħu ma hemmx kwistjoni:— 1. Fid-dar in kwistjoni hemm travu li qed jimminaċċja perikolu għan-nies ta' ġewwa jekk ma jiġix imsewwi; 2. l-imputat ġie notifikat bl-avviż meħtieġ skond il-liġi; 3. apparti l-perikolu tat-travu, id-dar hija affetta b'vizzju strutturali gravi. Infatti, kif qal l-istess perit Savona (ara xhieda tiegħu fol. 2) u kif ikkonferma l-imputat b'ġurament, id-dar ġiet irregolarment mibnija fuq debien, u hemm ħajt qed jimxi; dan jidher minn "cracks" fil-madum u fil-bitħa, li qegħdin jiżdiedu ftit ftit; 4. minħabba dan id-difett l-imputat u, qablu, l-awtur tiegħu, ma krewx id-dar dawn l-aħħar sitta jew sebgħa snin ħlief għal perijodu żgħir li mar fiha l-imputat, u mbagħad ħareġ appuntu minħabba d-difett tal-pedamenti mhux sodi;

Issa l-appellant qed isostni li, ladarba l-Housing Commissioner, avvolja avżat b'dan id-difett radikali, irrekwiżizzjona d-dar u daħħal in-nies fiha, allura t-tiswija tat-travu tmiss lilu, għaliex l-appellant id-dar ma jridx jikriha minħabba r-raġuni fuq imsemmija;

Issa din il-Qorti kellha kemm il-darba okkażjoni tfisser il-fehma tagħha dwar din il-materja (ara "Pul. vs. Camilleri", 24 ta' Novembru 1945, "Pul. vs. Bugeja", 7 ta' Ottubru 1946, "Pul. vs. Abdilla", 18 ta' Frar 1948, "Pul. vs. Frendo", 26 ta' April 1948). Il-prinċipju hu dan: kieku l-istat kontravvenzjonali qed jinħoloq minħabba xi użu speċjali u straordinarju li jkun qed isir mill-post bħala konsegwenza

tar-rekwiżizzjoni, allura l-obligu tat-tiswijiet jista' jkun li, eċċezzjonalment, ikun mixħut fuq ir-"requisitioning authority"; imma meta l-użu hu ordinarju u normali, bħal ma huwa l-użu tal-fond għall-abitazzjoni, "u ma jkunx hemm ċirkustanzi oħra eċċezzjonali", allura sid il-post ma jistax jeħles mill-obligi tiegħu minħabba r-rekwiżizzjoni;

Issa, f'dan il-każ l-użu li għamlet ir-"requisitioning authority" kien ikun użu normali kieku ma kienx hemm iċ-ċirkustanza eċċezzjonali fuq rilevata, li, ċjoè, il-post hu malsikur minħabba d-difett fil-pedamenti b'mod li l-ħajt tiegħu qed jinxi. Is-sid ma jridx jikrieh, u ma jridx jikrieh mhux kapriċċjożament, imma bir-raġun, għaliex hu jinkorri f'ċerta responsabilità mhux indifferenti jekk idaħħal nies f'post li qed jimminaċċja rovina minħabba d-difett fil-pedamenti. Il-Housing Commissioner, malgrado dak id-difett, għażel li jirrekwiżizzjonah u li jikrieh. Għalhekk, taħt iċ-ċirkustanzi, l-użu tal-post hu anormali, u hemm ċirkustanzi speċjali li jiġġustifikaw lis-sid li ma jikriehx u ma jinkorrix spiża inutili, peress li, anki bit-tiswija tat-travu b'kollox, id-difett radikali u totali tal-post jibqa' dejjem;

Għalhekk l-obligu jmiss lil Housing Commissioner u ma hux lill-imputat, skond il-prinċipji in materja;

L-appell hu għalhekk milqugħ, is-sentenza appellata mħassra, u l-imputat dikjarat mhux ħati u liberat.